MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF
NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 812/2003

**Tal-Franciz Construction Limited
Vs
Dr.Leslie Cuschieri u PL.Mario Mifsud Bonnici nominati kuraturi debutati b' digriet tat-18 ta' Awissu 2003 biex jirrapprezentaw lill-propretarji mhux maghrufa**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Peress illi ai termini tal-kuntratt ta' divizjoni tat-30 ta' Dicembru 1998 fl-atti tan-Nutar Dr. Francis Micallef, hawn anness bhala "Dokument A", Mario Cuschieri kien ko-propjetarju ta' porzjoni diviza ta' art fabbrikabbli, denominata "tal-Hamra", li tinsab kantuniera bejn triq gdida progettata u triq ohra li tigi prolungament ta' Triq Oscar Zammit limiti tal-Hamrun, tal-kejl ta' circa sitt mija u

tmienja u sebghin metri kwadri (678), konfinanti mix-xlokk ma' prolungament ta' Triq Oscar Zammit, mill-grigal ma' triq gdida progettata, mill-lbic ma' propjeta' ta' Pasquale Grech jew l-aventi kawza u mill-majjistral ma' propjeta' ta' Michael Grech jew l-aventi kawza.

2. Peress illi ai termini tal-kuntratt tat-18 ta' Gunju 2003 fl-atti tan-Nutar Dr. Marco Burlo`, is-socjeta' attrici akkwistat is-sehem appartenenti lil Mario Cuschieri mill-imsemmija art, kif indikata fil-pjanti annessi mal-istess kuntratt, hawn esibiti bhala "Dokument B".

3. Peress illi s-sehem indiviz tas-socjeta' attrici mill-imsemmija art jammonta ghal tnejn u tletin elf u seba' mija u tlieta (32,703) minn tlieta u tletin elf u tmien mija u tmenin (33,880) u s-sid/sidien tas-sehem l-iehor ammontanti ghal elf mija u sebgha u sebghin (1,177) minn tlieta u tletin elf u u tmien mija u tmenin (33,880) huma injoti.

4. Peress illi s-socjeta' attrici ma tixtieqx li tibqa' f'komunjoni ma' persuni mhux maghrufa u tixtieq illi l-imsemmija propjeta tigi diviza fil-kwoti fuq imsemmija u ghalhekk ma ghandhiex triq ohra ghajr li tadixxi fil-Qorti.

5. Ighidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti, prevja d-dikjarazzjoni illi s-socjeta' attrici hija s-sid ta' tnejn u tletin elf u seba' mija u tlieta (32,703) sehem minn minn tlieta u tletin elf u tmien mija u tmenin (33,880) tal-art in kwistjoni: (1) tistabillixxi l-qasma tal-art imsemmija fil-kwoti premessi, bl-opera tal-periti nominandi (2) tiddikjara lis-socjeta' attrici bhala sid unika u ghaldaqstant tassenja lis-socjeta' attrici dik il-parti maqsuma li tirraprezenta sehemha ai termini tal-premess u l-imsemmija qasma u cioe` 32703 minn 33880 u lill-konvenut ir-rimanenti 1,177 minn 33,880 u (3) tinnomina lin-Nutar Dr. Marco Burlo jew lill-kwalsiasi nutar iehor sabiex jircevi l-Att Pubbliku tad-divizjoni fil-jum, hin u lok li jigi ffissat – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine li biha eccepew:

1. Illi b'digriet tat-28 t'Awissu 2003 huma gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-propjetarji mhux maghrufa ta' sehem minn art fabbrikabbli, denominata "tal-hamra", li tinsab kantuniera bejn triq gdida progettata u triq ohra li tigi prolungament ta' Triq Oscar Zammit fil-limiti tal-Hamrun, ta' kejl ta' cirka 678m²;

2. Illi huma m'ghandhomx hjiel ta' min jistghu ikunu s-sidien ta' dak is-sehem minn din l-art u ghalhekk m'humiex edotti mill-fatti tal-kaz odjern.

3. Illi f'dan l-istadju s-socjeta' attrici ma tistax tigi dikjarata sid unika tal-proprjeta' kollha meritu ta' din il-kawza, izda jekk l-art in kwistjoni tkun kommodament divizibbli l-Qorti tista' tiddikjara l-partijiet sidien assoluti ta' dik il-porzjoni assenjata lilhom.

4. Illi huma jirrizervaw li jeceppixxu ulterjorment.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijet u l-listi tax-xhieda;
Rat r-relazzjoni tal-Perit Tekniku Godwin Saliba minnu debitament mahlufa fit-18 ta' Marzu 2004 [Fol.37 *et seq.*];
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Ikkunsidrat;

Illi mill-provi mhux kontradetti jirrizulta li permezz ta' kuntratt ta' divizjoni [Fol.4 *et seq.*] tat-30 ta' Dicembru 1998 ippublikat minn Nutar Dr.Francis Micallef, Mario Cuschieri kien ko propretarju ta' porzjoni diviza ta' art fabbrikabbli denominata "Tal-Hamra", li tinsab kantuniera ma' triq progettata u triq ohra li tigi prolungament ta' Triq Oscar Zammit limiti tal-Hamrun, tal-kejl ta' circa 678 metri kwadri, konfinanti mix-xlokk ma' prolungament ta' Triq Oscar Zammit, mill-grigal ma' triq gdida progettata, mill-lbic ma proprjeta' ta' Pasquale Grech jew l-aventi kawza u mill-majjestral ma' proprjeta' ta' Michael Grech jew l-aventi kawza.

Illi b’ kuntratt datat 18 ta’ Gunju 2003 fl-atti tan-Nutar Marco Burlo’ is-socjeta’ attrici akkwistat is-sehem appartenenti lil Mario Cuschieri mill-imsemmija art, kif indikata fil-pjanta annessa mal-istess kuntratt, u ezebita fl-atti [Dok.B].

Illi s-sehem indiviz tas-socjeta’ attrici mill-art in kwistjoni jammonta ghal 32,703 minn 33,880, u s-sid jew sidien tas-sehem l-iehor ammontanti ghal 1,177 minn 33,880 huma injoti.

Illi peress li s-socjeta’ attrici ma tixtieqx li tibqa’ f’ kommunjoni ma’ persuni mhux maghrufa u tixtieq li l-imsemmija proprjeta’ tigi diviza fil-kwoti fuq imsemmija, hija istitwiet il-proceduri odjerni.

Illi fl-udjenza tal-14 ta’ Novembru 2003 gie nominat il-Perit Godwin Abela biex jirrelata dwar it-talbiet attrici, u fit-28 ta’ Jannar 2004 ipprezenta r-relazzjoni tieghu, mahlufa fit-18 ta’ Marzu 2004, fejn ghamel pjan ta’ divizjoni tal-arti in kwistjoni li jinsab fil-pagna 3 tar-relazzjoni b’ referenza ghal pjanta [Dok.B] annessa mal-istess relazzjoni. [Fols.39 – 41].

Illi l-provi prodotti ma gew kontrastati minn hadd; u l-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici huma gustifikati u ghandhom jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tilqa’ t-talbiet attrici u, filwaqt li tiddikjara lis-socjeta’ attrici bhala sid ta’ tnejn u tletin elf, seba mija u tlieta [32,703] sehem minn tlieta u tletin elf u tmien mija u tmenin [33,880] tal-art fuq indikata, tordna d-divjzoni tal-art de quo skond il-pjan ta’ qasma tal-Perit Godwin Abela kif indikat fir-relazzjoni tieghu [Fols.39-40], tiddikjara lis-socjeta’ attrici sid unika, u tassenja lill-istess dik il-parti maqsuma li tirrapprezenta sehemha ai termini tal-premess u l-imsemmija qasma u cioe’ 32,703 minn 33,880 u lill-konvenuti r-rimanenti 1,177; u tinnomina lin-Nutar Dr.Marco Burlo’ sabiex jircevi l-Att Pubbliku tad-divizjoni fiz- zmien tlett xhur mill-lum f’ data, post u hin mghazul minnu.

L-ispejjez a kariku tal-kontendenti skond ir-rispettivi kwoti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------